# PJAZZA KASTILJA (2)



PAWLU ZAMMIT



Din il-ġimgħa r-ritratt qed jurina Pjazza Kastilja minn anglu ieħor fejn qegħdin naraw tliet binjiet: il-Berġa ta' Kastilja, Dar Annona u l-knisja ta' Santa Katerina ta' Lixandra.

Din il-knisja nbniet fl-1576 mill-kavallieri Taljani fil-ħakma tal-Granmastru Fra Jean de la Cassiere, li wara saret il-knisja tagħhom għas-servizz reliġjuż. Inbniet maġenb il-Berġa tal-Italja, fuq pjanta tal-arkitett Malti Ġirolmu Cassar.

Fis-Seklu 17 kienet tkabbret u nbidlet għal santwarju.

Mill-2001 sal-2011 sar restawr dettaljat minn xi Taljani mgħejjuna minn ħaddiema Maltin u wara anke fuq il-pittura li nsibu fil-knisja, li reġa' ta dehra mill-isbaħ lil din il-knisja. Illum din tagħti servizz reliġjuż lill-komunità Taljana li hawn f'pajjiżna.

Xogħol tal-arti ta' min isemmih huwa t-titular, attribwit lil Mattia Preti, fejn qiegħed jurina l-martirju ta' Santa Katarija ta' Lixandra u l-koppla, xogħol ieħor ta' Preti, pittura b'disinn u tiżjin fl-arti tal-istucco fejn dan l-artist uża żebgħa griża bi sfumar bid-deheb.

